MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1220/1996/1

**Formosa & Camilleri Ltd., u dawn bhala agenti tad-ditta estera
Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza
fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhom Lara Aquilina, u l-istess
Lara Aquilina f'isimha proprju.**

**v.**

**Kevin James Fenech**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell dwar habta li sehhet bejn zewg karozzi fl-Imsida, u precizament fl-inkrocju, jew ahjar *T-junction* ta' bejn Triq l-Esperanto u West Street fl-area ta' Tal-Qroqq. Vettura minnhom kienet misjuqa minn Lara Aquilina u l-ohra mill-konvenut appellant Fenech. L-atturi, fic-citazzjoni taghhom, talbu li jigi dikjarat li l-incident – li fih, fortunatament, ma wegga' serjament hadd – gara` tort unikament tal-konvenut, u talbu wkoll li jigu likwidati d-danni u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dawk id-danni hekk likwidati, bl-imghax u bl-ispejjez. Il-konvenut da parti tieghu, permezz ta' kontro-talbiet, ta' l-istess haga pero`, naturalment, fil-konfront tal-attrici Aquilina. B'sentenza moghtija fis-17 ta' Mejju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili irrespingiet il-kontro-talbiet tal-konvenut kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet attrici, iddikjaratu unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, illikwidat id-danni fl-ammont ta' Lm625, u ordnat lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm381 u lill-attrici Aquilina s-somma ta' Lm271, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni. A skans ta' ripetizzjoni inutili, din il-Qorti qed tannetti ma din is-sentenza kopja tas-sentenza tal-Prim Awla (Dok. A) biex tifforma parti integrali mill-gudikat tal-lum, u dan peress li f'dik is-sentenza hemm riprodotti *verbatim* il-premessi, it-talbiet, l-eccezzjonijiet u l-kontro-talbiet.

## Il-fatti

Il-fatti, brevement, kienu s-segwenti: fil-21 ta' Novembru 1995 ghall-habta tal-10.00 am, l-attrici, li maghha kellha li certa Carina Borg Olivier bhala passiggiera, kienet qed issuq f'West Street gejja mid-direzzjoni ta' Dar Patri Manwel Magri fid-direzzjoni tat-Triq Regjonali. West Street dak
iz-zmien kienet triq li normalment fiha setghu jghaddu vetturi biss f'direzzjoni wahda – fl-istess direzzjoni li kienet qed issuq l-attrici – pero` inzerta li dik il-gurnata, u ghal perjodu mhux hazin qabel, l-istess triq kienet qed tintuza

"two way" minhabba xi xoghlijiet li kienu qed isiru fil-vicinanzi. Il-konvenut appellant gie biex johrog minn Triq l-Esperanto ghal go West Street fid-direzzjoni ta' Dar Patri Manwel Magri – jigifieri gie biex idur ghal go din it-triq bil-kontra ta' kif kienet gejja l-attrici – u hemm saret il-habta. Il-kwistjoni li kellha tiddetermina l-ewwel Qorti kienet, fir-realta` wahda semplici, u cioe` min kien responsabbli ghall-kollizjoni. Il-perit legali mahtur mill-Qorti, Dott. (illum Imhallef) Joseph Azzopardi ikkonkluda hekk fir-rapport tieghu presentat fil-25 ta' Lulju 2000 dwar ir-responsabbilta` (ara fol. 128 tal-process):

**"Fil-fehma ta' l-esponent pero` l-iktar punt importanti mill-punto di vista legali hu l-fatt li t-toroq kienu (u ghadhom) jikkostitwixxu *T-junction* b'mod li l-attrici kellha minghajr ombra ta' dubbju ir-*right of way.* Il-fatt li ma kienitx qed tistenna vetturi gejjin minn faccata taghha ma ghandu x'jaqsam xejn mill-punto di vista tar-responsabbilta` tal-incident. Dan ghaliex il-konvenut kellu l-obbligu sagrosant li jieqaf meta wasal fl-inkorcju u evidentement dan ma ghamlux. Kien dan il-fattur immedjat li kkawza l-incident. Kieku l-konvenut waqaf fl-inkrocju kif suppost ghamel, l-attrici kienet tibqa' ghaddejja u l-incident ma kienx isehh. Fil-fehma ta' l-esponent dan hu punt mill-aktar elementari u ma hemmx iktar x'wiehed jiddiskuti fuqu. Oltre dan il-konvenut jidher li lahaq hareg sew fi Triq il-Punent b'mod li ikkostitwixxa ostakolu li l-attrici ma setghetx tiskavalka. Dan juri li ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku meta ma tax dritta lil minn ikun ghaddej mit-triq passagga f'*T-junction*. Kwindi l-konvenut hu certament responsabbli ghall-incident."**

Il-konvenut ma kienx sodisfatt b'dan ir-rapport u talab in-nomina ta' periti addizjonali. Dawn (l-Avukati Mark Chetcuti, Rachel Montebello u Joseph Micallef Stafrace) qablu mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel perit u xejnu l-kritika kollha tal-konvenut ghall-ewwel rapport.

<u>**Is-sentenza appellata**</u>

Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti, wara li regghet ezaminat il-provi kollha u wara ezaminat iz-zewg rapporti peritali, qalet hekk:

**"Illi din il-Qorti m'ghandhiex aktar xi zzid ma' dawn l-osservazzjonijiet u taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali. Dwar il-lanjanzi tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet u fir-replika tieghu ghas-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:**

**"Illi dwar l-allegat *speed* eccessiv ta' Lara Aquilina, dan ma jirrizultax mill-provi, u wara kollox kif irrilevaw il-periti, l-attrici kienet *main road user* u ghalhekk mhux mistenni minnha li tkun ghaddejja imbaghad tieqaf b'kolp. Dwar il-fatt li hija xehdet li kienet ghaddejja bi *speed* normali meta *a tempo vergine* ma qalet xejn lis-surgent, il-Qorti ma tarax li hija xi haga stramba kif qed jinsisti l-konvenut. Wara kollox kif osservaw l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, il-konvenut stess lanqas stqarr "*a tempo vergine*" mas-surgent li Lara Aquilina kienet gejja bi *speed*. Dwar il-fatt li l-passiggiera intilfet minn sensiha bid-daqqa, dan ma jfissirx necessarjament li l-i*speed* kien eccessiv. Ta' min isemmi li Carina Borg Olivier ammettiet ma kinitx liebsa s-*seat belt*, u ghalhekk mhux xi haga stramba li bl-ghafsa tal-*brake* hija habtet rasha mal-*windscreen*;**

**"Illi dwar l-allegazzjoni li kieku Aquilina ma habtitx mal-vettura tal-konvenut il-*brake marks* maghmulin mill-vettura taghha kienu jkunu itwal, jista' jkun li fil-fatt hekk hu l-kaz, izda dan xorta ma jippruvax li l-i*speed* kien eccessiv - *se mai* kif irrilevaw l-atturi fin-nota taghhom, hija ippruvat taghfas il-*brakes* biex tevita l-incident, filwaqt li Fenech mhux talli ma ghafasx il-*brake* talli baqa' hiereg. Il-konvenut jallega li l-attrici kienet aljenata u meta intebhet bil-vettura tal-konvenut ma kellhiex bizzejjed zmien biex tieqaf: dwar dan ghandu jinghad li l-fatt li kellha tieqaf juri ampjament car li l-konvenut ostakolalha l-passagg taghha, haga li ma jmesshiex sehhet fl-ewwel lok. Il-**

**konvenut qed jitfa' t-tort fuq l-attrici meta jghid li kellha c-cans kollu biex tbiddel id-direzzjoni u biex toqghod tikkonsidra jekk il-konvenut kienx ser jieqaf jew le, u jinsisti li l-habta saret ghax dan m'ghamlitux u ghalhekk baqghet diehla fil-vettura tal-konvenut. Bir-rispett kollu, *main road user* m'ghandux ikun f'posizzjoni li jkollu joqghod jaddatta s-sewqan tieghu ghal dak ta' *side road user*, imma *vice versa*. Il-fatti li jirrizultaw mill-provi juru li l-konvenut fixkel il-passagg ta' l-attrici, hasadha u minkejja li ghafset il-*brake* ma setghetx tevita l-habta. Mhux il-kaz li wiehed joqghod jargumenta li l-attrici seta' kellha cans tinduna bih u li ma kinitx attenta bizzejjed ghall-"ostaklu" li kkrealha l-konvenut bil-manuvra tieghu! Dwar il-fatt li kienet il-vettura ta' l-attrici li dahlet f'dik tal-konvenut, dan il-punt diga` gie trattat mill-periti addizzjonali. Rigward l-allegazzjoni li l-vettura tal-konvenut spiccat aktar lura minn kif indikata fl-iskizz, dan kif diga` gie rilevat mill-periti ma jaffetwax ir-responsabbilta;**

**"Fir-replika tieghu l-konvenut jargumenta li ma jistax ikun li kien gej bi *speed* qawwi u baqa' diehel go Aquilina peress li kien ghadu kemm gej minn liwja u *di piu`* jirrizulta li l-vettura ta' Aquilina spiccat "*parallel to the pavement*" u mhux mitfugha gol-karozzi pparkjati fuq il-lemin taghha. Il-Qorti pero` ma tifhimx ir-rilevanza ta' dan l-argument. Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi juru li l-konvenut baqa' hiereg minn *side street* ghal go *main road* b'mod li fixkel il-passagg ta' l-attrici. Dan huwa bizzejjed biex jinkolpa lill-konvenut;**

**"Illi l-Qorti ma taqbilx li l-konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha qabel ma hareg ghal go West Street. Il-fatt li kien hemm Land Rover tostakolalu l-vizwali m'ghandhiex tiskulpah mit-tort anzi turi li kien allura jinkombi fuqu li juza aktar prudenza meta kien gej biex idur ghal go West Street. Certament kienet haga sfortunata ghalih li kien hemm il-land rover tostakolalu l-vizjoni izda ghalhekk messu qaghad aktar attent. Huwa jghid li kien wieqaf imbaghad**

**paqpaq, hareg bil-mod u saret il-habta. F'sitwazzjoni fejn il-vizwali hija ostakolata wiehed irid jittanta l-hrug tieghu bil-mod u jkun lest li jerga jieqaf, ghal darba, darbtejn u anke iktar jekk hemm bzonn. Il-konvenut jista' jkun li kien fil-fatt wieqaf fil-kantuniera (li minn dak l-angolu ma tantx kien qed jara sew), imbaghad jghid li paqpaq, hareg bil-mod, u saret il-habta. Il-fatt li huwa paqpaq ma jtihx id-dritt li jaqbad u johrog, anke jekk bil-mod. Evidentement meta huwa paqpaq u hareg ma kienx qed jara sew x'kien gej minn wara l-Land Rover. Certament mhux mistenni minn sewwieq f'sitwazzjoni bhal din li huwa jibqa' hemmhekk minghajr qatt ma jiccaqlaq, imma li seta' jaghmel il-konvenut hu li jisporgi bicca zghira u jerga' jieqaf u mhux ikompli hiereg "*alla cieca*". Huwa iddecieda li jiehu riskju meta ittanta li jaghmel dik il-manuvra kollha nonostante l-vizwali ostakolata tieghu. Fir-replika tieghu jichad li ha "*a gambler's risk*" izda l-fatti juru mod iehor. Minn fuq qed jippretendi li l-attrici kellha c-cans tibbrejkja hekk kif indunat li ostakolalha l-passagg u li l-habta saret propju ghax dan m'ghamlitux!**

**"Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-habta saret unikament minhabba negilgenza u imprudenza da parti tal-konvenut meta ostakola l-passagg ta' l-attrici, li minkejja li ghafset il-*brake* ma rnexxilhiex tevita l-incident.**

**"Illi dwar id-danni, l-atturi esebew id-dokumenti relattivi kollha, anzi fil-fatt l-ispiza kienet oghla mit-talba kontenuta fic-citazzjoni u ghalhekk saret talba biex is-sorte tizdied b'Lm96 minhabba l-*loss of use*. Il-parti l-ohra ma oggezzjonatx. Fil-mori tal-kawza saret korrezzjoni f'dan is-sens. Dr. Renato Cefai, rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Limited fix-xhieda tieghu ikkonferma li l-ammont indikat fic-citazzjoni ta' LM556 (fit-traskrizzjoni tax-xhieda l-ammont gie skorrettement indikat bhala Lm565) gew imhallsa mis-socjeta` attrici hlief ghall-Lm175 *excess* li giet imhallsa minn Lara Aquilina. L-**

**istess Aquilina ukoll ikkonfermat li hallset il-Lm175 *excess* u *di piu`* kellha l-ispejjez tal-kiri tal-karozza.**

**“Ghal dawn il-motivi;**

**“Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:**

**“Wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talbiet tieghu;**

**“Tilqa’ l-Ewwel Talba u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;**

**“Tilqa’ t-Tieni Talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm652);**

**“Tilqa’ t-Tielet Talba u tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd l-ammont ta’ tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm381) u lill-attrici Lara Aquilina l-ammont ta’ mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm271);**

**“L-ispejjez u l-imghax mid-data tac-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.”**

**<u>L-appell tal-konvenut</u>**

Id-diversi aggravji ta’ l-appellant fil-verita` jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti, kif ukoll il-periti legali, ghamlu apprezzament hazin tal-provi, b’mod li waslu ghal konkluzjoni zbaljata dwar ir-responsabbilta` tieghu meta, dejjem skond l-appellant, ir-responsabbilta` ghal dak li gara kienet fil-fatt tal-konvenuta (illum appellata) Aquilina.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Il-Qorti tosserva li r-rikors ta’ appell ma hu xejn hlief, kif jghidu bl-ingliz, “a rehash” tad-diversi argumenti migjuba mill-appellant, allura konvenut, fid-diversi noti tieghu ta’ osservazzjonijiet u ta’ kritika tar-rapporti peritali. Kif tajjeb

osservaw l-appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' appell, huwa sorprendenti kif habta tant semplici giet ikkomplikata inutilment mill-appellant, anke quddiem l-ewwel Qorti (haga li tispjega wkoll ghala din il-kawza damet daqshekk biex tigi deciza minn dik il-Qorti).

Din il-Qorti regghet ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha u hija tal-ferma konvinzjoni li kemm id-diversi periti nominati kif ukoll l-ewwel Qorti ghamlu apprezzament korrett ta' dawn il-provi u waslu ghall-konkluzjoni korretta dwar ir-responsabbilta` tal-appellant ghall-incident in kwistjoni. Anke jekk wiehed kellu jibbaza ruhu biss fuq l-iskizz ezibit fil-process – fil-fatt hemm aktar minn kopja wahda ta' dan l-istess skizz tal-pulizija – u anke jekk wiehed kellu jikkoncedi dak li jallega l-appellant dwar il-posizzjonijiet tal-vetturi mal-habta (specjalment dwar il-posizzjoni tal-vettura tieghu) hu evidenti li Aquilina kellha r-*right of way* filwaqt li Fenech kellu l-obbligu li jieqaf fil-*junction*, jesplora u <u>ma johrogx ghal got-triq principali qabel ma jkun assigura ruhu li seta' jaghmel hekk bla xkiel ghal xi vettura jew vetturi li kienu qed juzaw West Street</u>. Dan evidentement ma ghamlux. Il-vettura parkeggjata fil-kantuniera (vicin dak li kien il-*bar* jew *take away* – ara l-iskizz ezibit) ma kienitx ta' ostakolu tali li minhabba fiha Fenech ma setax jara, kieku waqaf u mqar ipprova jaghmel hekk, f'distanza mhux hazin 'l gewwa fit-triq fid-direzzjoni ta' Dar Patri Manwel Magri. Huwa car daqs il-kristall li dan l-appellant ma ghamlux. Kieku huwa <u>waqaf</u> u esplora sew, ma kien hemm ebda raguni fid-dinja ghala ma setax jara l-vettura ta' Aquilina gejja, anke li kieku din kienet gejja xi ftit imharrka (kif jallega hu, haga pero` li mhix suffragata mill-provi). Fic-cirkostanzi l-appell interpost, ghalkemm verbuz ghall-ahhar, ma jistax jikkwalifika hlief bhala wiehed fieragh u vessatorju.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tkkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant. U wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

Dok. A

Kopja tas-sentenza tal-Prim Awla qed tigi annessa ma din is-sentenza biex taghmel parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------